MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 509/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**(Spt. Ramon Cassar)**
**Vs**
**Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Michael Mifsud (ID no. 12286M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,u cioe`:

Talli fit-23 ta' Jannar, 2009, ghall-habta tad-9.45p.m., ġewwa t-Tic Tic Confectionery fi Triq il-Knisja, Rahal Gdid, flimkien ma' persuna jew persuni oħra mhux magħrufa:

1A. dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Salvatore Fiteni u lil Thomas Vella jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi spara tir t'arma tan-nar fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` ta' l-imputat.

2A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna ġriehi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Salvatore Fiteni u Thomas Vella, liema offiżi ġew magħmula b'arma regolari;

3A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus, gakketta u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' Salvatore Fiteni
u/jew ta' persuni u/jew entitajiet oħra;

4A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Salvatore Fiteni u lil Thomas Vella kontra l-volonta' tagħhom, liema persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra, jew biex ħersuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaċċettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom;

5A. u aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

6A. u aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi uża vjolenza sabiex igiegħel lil Salvatore Fiteni jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel xi haġa;

7A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe`bieb ta' *refrigerated display*, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) izda izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ai terminu ta' l- Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Salvatore Fiteni u/jew ta' persuni ohra;

8A ukoll talli fl-istess jum u fix-xahar ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) mingħajr ma kellu liċenza taħt l-istess Att;

9A. u talli u aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, barra l-imsemmi fond ċioe` fi Triq il-Knisja, Paola, spara arma tan-nar qalb zona t'abitazzjoni;

U aktar talli fl-4 ta' Jannar, 2009, għall-ħabta ta' 4.30a.m., ġewwa Cerviola Hotel fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, flimkien ma' persuni oħra mhux magħrufa:

10B. ikkommetta serq ta' flus u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment tas-socjeta Marsascala Holiday Complex Co. Ltd u/jew ta' persuni w/jew entitajiet ohra;

11B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l- awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill- privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Alfred Attard kontra l-volonta tieghu;

12B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil Alfred Attard jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

13B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

14B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hgieg ta' bieb ta' *counter*, liema hsara ma tiskorrix l-mija w sittax il-Euro u seba' w erbghin centezmu (€116.47) ai terminu ta' l-Artikolu325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tas-socjeta Marsascala Holiday Complex Co. Ltd u/jew ta' persuni ohra;

15B. u talli u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar fejn kien hemm allogjati ghadd ta' residenti u qalb zona t'abitazzjoni;

16B. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl- Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

U aktar talli fl-4 ta' dicembru, 2008, ghall-habta tal-5.15am, gewwa Casey's Confectionery fi Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Zejtun, flimkien ma persuna u/jew persuni ohara mhux maghrufa:

17C. dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Stephen Caruana jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi spara tir t'arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` ta' l-imputat;

18C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u

sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta’ Stephen Caruana u/jew ta’ persuni ohra;

19C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l- awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill- privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Stephen Caruana kontra l-volonta tieghu;

20C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

21C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil Stephen Caruana jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

22C. u talli u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar qalb zona t’abitazzjoni;

23C. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

24. talli fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Dicembru, 2008, minn Triq Ciscaldi, Zabbar ikkometta serq ta’ vettura Mazda 323, numru tar-registrazzjoni GAI113, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u seba’ w tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Carmel Cassar u/jew ta’ persuni ohra;

25. talli fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Dicembru, 2008, minn Triq iz-Zonqor Marsascala ikkometta serq ta’ tarka tar-registrazzjoni ta’ quddiem ta’ vettura tal-marka Isuzu Elf 250, bin-numru tar-registrazzjoni LCL445, liema serq

hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Karen Valentine u/jew ta' persuni ohra;

26. talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru, 2008, minn Triq Mons Luigi Catania, Zabbar ikkometta serq ta' tarka tar-registrazzjoni ta' wara ta' vettura tal-marka Puegeot,bin-numru ta' registrazzjoni AQZ002, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment tas- socjeta John's Garage Ltid u/jew persuni ohra;

27. aktar talli fit-2 ta' Frar, 2009, gewwa z-Zejtun, u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa Marsaskala u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura nru. GAI113, ma numri LCL445 (fuq quddiem) u AQZ002 (fuq wara) ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

28. aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza zewg tarek tar-registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe' numri LCL445 u AQZ002 minflok in-numri originali GAI113 u dan ai terminu ta' l-Artikolu 157 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 15(1A) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fis-26 ta' Jannar, 2009,għall-habta ta' 5.15a.m., minn ġewwa l-istabbiliment Chick King Take-away fi Triq ix-Xatt, Marsaskala flimkien ma' Kristian Ellul u ma persuna ohra mhux maghurfa:

29D. ikkommetta serq ta' flus, cash register u safe, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Stephen Mifsud u/jew ta' persuni ohra;

30D. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` *shutter* u attrezzaturi ohra fl-istess stabbiliment, , liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro u seba' u disgha u sittin centezmu (€116.69) ai terminu ta' l-Artikolu325(1)(ca) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Stephen Mifsued u/jew ta' persuni ohra;

31D. u aktar talli talli fis-26 ta' Jannar, 2009, bejn in-00.30am u l-5.00am, minn Triq il-Qaliet, Marsaskala, flimkien ma persuni ohra, ikkometta serq ta' vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni 3BD148, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bilvalur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta' Ramon Grech u/jew ta' persuni ohra;

32D. u aktar talli fis-26 ta' Jannar, 2009, ghall-habta tal-5.15a.m., fi Triq ix-Xatt, Marsaskala, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni JBD148, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu Ramon Grech u/jew ta' persuni ohra;

33. u aktar talli fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Jannar u s-26 ta' Jammar, 2009, fi Triq l-Imriekeb, Marsaskala, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-reġistrazzjoni DAC069, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin Euro disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu George Scerri u/jew ta' persuni ohra;

34. u talli talli fit-12 ta' Jannar, 2009, ghall-habta tat-8.00a,m.,, minn Triq il-Qaliet, ikkometta serq ta' vettura Chevrolet Kalos, numru tar-registrazzjoni HBC116, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-detriment ta' Pauline Anne Dale u/jew ta' persuni ohra;

35. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' diversi oggetti , fosthom flus, camera tar-ritratti, kelba, *mobile phone* u xi affarijiet ohra minn vettura numru tar-registrazzjoni HBC116, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgha u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u li sar ghad-detriment ta' William John Hensher u/jew ta' persuni oħra;

36. talli fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta' Jannar, 2008, minn Qasam Hal-Dmikki, Ghaxaq ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni minn vettura tal-marka Peugeot numru IAT075, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar għad-dannu ta' Carmel Domenici u/jew persuni oħra;

37. u aktar talli fis-26 ta' Jannar, 2009, għall-ħabta tas-6.30a.m., ġewwa Ħaż-Żabbar, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għall-ħaddieħor f'xi dokument maħsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura nru. HBC116, ma par tarek tar-registrazzjoni misruqa nru. IAT075, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

38. u aktar talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza zewg tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe` numri IAT075 minflok in-numri originali HBC116 u dan ai teminu ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

u ta' l-Artikolu 15(1A) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

39. u aktar talli fl-20 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' 5.30a.m., minn Triq Hompesch, Fgura ikkommetta serq ta' vettura Skoda Favorit, numru ta' registrazzjoni DAR279, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgha w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u li sar għad-detriment ta' Carmelo Galea u/jew ta' persuni oħra;

40. talli fil-lejl bejn it-23 u l-24 ta' Novembru, 2008, minn Triq is-Salvatur, Kalkara ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni minn vettura tal-marka Skoda Favorit, numru ta' registazzjoni EAQ731, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-danu ta' Rodianne Cini u/jew ta' persuni ohra;

41. u aktar talli fit-13 ta' Dicembru, 2008, gewwa l-Kalkara, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura nru. DAR279, ma par tarek tar-registrazzjoni misruqa nru. EAQ731, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

42. u aktar talli fl-istess żmenijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, ghamel falsifikazzjoni jew użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża żewġ tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe` numri EAQ731 minflok in-numri originali DAR279 u dan ai teminu ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikoli 15(1A) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

43. u aktar talli fl-1 ta' Settembru, 2008, f'xi hin bejn il-11a.m., u t-8.30pm., minn Triq il-Kitba, Fgura ikkommetta serq ta' vettura Subaru J10, numru ta' registrazzjoni KAE515, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w

tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Clive Fava u/jew ta' persuni ohra;

44. u aktar talli fil-5 ta' Jannar 2008, fi Triq Wied il-Għajn, Żejtun, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-marka Subaru J10, numru tar-registrazzjoni KAE515, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro disgha u sittin centezmu (€1164.69) izda hija izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€1164.47) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu Clive Fava u/jew ta' persuni ohra;

45. u talli fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta' Settembru, 2008, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni minn vettura tal-marka Renault Clio, numru ta' registazzjoni HAT546, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-danu ta' Francis Bezzina u/jew ta' persuni ohra;

46. u aktar talli fil-5 ta' Dicembru, 2008, ghall-habta tal-5.30a.m., ġewwa ż-Żejtun, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għall-ħaddieħor, f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura nru. KAE515, ma par tarek tar-registrazzjoni misruqa nru. HAT546, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

47. u aktar talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, għamel falsifikazzjoni jew użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża żewġ tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe` numri HAT546 minflok in-numri originali KAE515 u dan ai temini tal-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 15(1A) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

48. u talli fil-lejl ta' bejn it-18 u t-22 ta' Dicembru, 2008, minn Triq San Gwakkin, Marsaskala ikkommetta serq ta'

tarka tar-reġistrazzjoni minn fuq mutur tal-marka Gilera liema serq hu aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

49. u talli fit-2 ta' Frar, 2009, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, saq diversi vetturi, u cioe` vetturi bin-numri tar-registrazzjoni (proprja) GAI113 tal-marka Mazda 323, HBC116 tal-marka Chevrolet Kalos, JBD148 tal-marka Hyundai Accent, DAR279 tal-marka Skoda Favorit, u KAE515 tal-marka Subaru 310, **minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u minghajr ma kien kopert b'licenza tas-sewqan relattiva;**

50. u talli fis-26 ta' Jannar, 2009 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

51. u talli fis-26 ta' Jannar, 2009, u/jew fix-xhur ta' qabel, gewwa fond nru. 29, Trejqet San Frangisk, Zabbar, żamm jew kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

52. u talli fis-26 ta' Jannar, 2009, ghall-habta tas-6.30am., gewwa Trejqet San Frangisk, Zabbar, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PC582, Oliver Magri, u membri ohra tal-korp tal-pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaġixxu ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

53. talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi ħebb għall-PC582, Oliver Magri, u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa skont kif iċċertifika Dr. A. Baldacchino M.D. mill-Isptar Mater Dei.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Novembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli fir-rigward tas-serqa mill-hanut Tic Tic

l-artikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(a)(b), 264(1), 270, 275, 277(b), 214, 215, 221(2), 86, 87(1)(c)(e), 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5(1), 51(2) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 18(2)(a), 27(1)(b)(c)(3) ta'l-Avviz Legali 79 tal-2006; fir-rigward tas-serqa mic-Cerviola Hotel l-artikoli 261(1)(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 275, 277(b), 86, 87(1)(c)(e), 325(1)(c); fir-rigward tal-hold-up fuq il-persuna ta' Stephen Caruana, l-artikoli 42(d), 43, 45(b)(c), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 86, 87(1)(c)(e); fir-rigward tas-serqa mic-Chick King Take Away, l-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(a)(b), 264, 265, 267, 270, 276, 277(b) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; is-serqa tal-vettura Hyundai Accent l-artikoli 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(b), 263(a), 264, 265, 270, 271(g), 276, 277(b), 279(b), 280(2); is-serq tal-vettura Chevrolet Kalos u ta'l-oggetti li kien hemm fiha l-artikoli 261(c)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u is-serq tat-tarek ta' registrazzjoni IAT075, l-artikoli 261(f)(g), 270, 271(g), 280(1), ir-regolamenti 32(5) u 44(5)(6) ta'l-Avviz Legali 198 tal-2009; is-serqa tal-vettura Skoda Favorit numru EAQ731, l-artikoli 261(c)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1); hsara volontarja fuq il-vettura Subaru J10 l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; sewqan minghajr assikurazzjoni l-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta; pussess ta' munizzjoni mingħajr liċenzja, l-artikolu 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; l-offiza fuq il-persuna tal-kuntistabbli Magri 96(a), 214, 215, 221(1), 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; 17(b)(d)(h), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 - filwaqt li lliberat l-imputat mis-segwenti akkużi u cioe' l-1A, 6A, 12B. 13B, 15B, 16B, 17C, 20C, 21C, 22C, 23C, 24, 25, 26, 27, 28, 33, 38, 40, 41, 42, 43, 45, 46, 47, u 48, sabitu ħati tal-akkuzi l-oħra kollha u kkundannatu perijodu ta' ghaxar (10) snin prigunerija.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-appellant sabiex ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €23,191.32.

Il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta’ l-appellant għal żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha fl-ewwel lok tikkonfermaha in kwantu ma nstabx ħati ta’ akkużi numri 1A, 6A, 12B, 13B, 15B, 16B, 17C, 20C, 21C, 22C, 23C, 24, 25, 26, 27, 28, 33, 38, 40, 41, 42, 43, 45, 46, 47 u 48 u filwaqt li nstab ħati tal-akkuzi l-oħra salv għall-akkużi 34 u 39 u cioe` ta’ l-akkużi ta’ serq tal-vetturi tal-Marka Chevrolet HBC 116 u Skoda Favorit bin-numru DAR 279 rispettivament, u ghalhekk fit-tieni lok thassaraha u tirrevokaha in kwantu jirrigwarda l-akkuzi 34 u 39 appena imsemmija u dan billi tillibera lill-appellant minnhom u safejn jirrigwarda kull piena u imputazzjoni relatati mal-istess, u fin-nuqqas tvarjaha u timmodifikaha billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu, tvarjaha in rigward tal-piena, u dan billi tinfliggi fuqu piena ehfef iktar idonea tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fost oħrajn il-fedina penali netta.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi sa fejn jirrigwarda s-serq taz-zewg vetturi fuq imsemmija, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issib lill-esponent ħati tagħhom tant hu veru li fil-każ ta’ vettura oħra waqt il-kawza lliberatu mis-serq għax ma kienx hemm prova diretta li huwa seraqha.

Fil-kaz tal-vettura Chevrolet HBC 116 l-uniku prova li hemm hu dak li qal Kristian Ellul u cioe` *“Dik il-karozza mhux jiena sraqtha. Dik serquha Michael u Nelson. Huma qaluli li sid il-vettura tigi z-zija taghhom u kienu serqulha c-cavetta. Meta serquha kellha kelba go fiha”.*

Din ix-xhieda mhux biss mhux bizzejjed biex twassal għall-akkuża ta' serq da parti tal-esponent, hija xhieda ġenerika, għax juża l-plural mingħajr ma jgħid preċiżament min qallu dak il-kliem. Aktar minn hekk il-pussess jista` jwassal biex ikun hemm sejba ta' ħtija dwar reati oħrajn iżda ċertament mhux dik ta' serq.

Illi kwantu għall-akkuza ta' serq tal-vettura tal-marka Skoda Favorit bin-numru DAR 279 il-provi huma aktar skarsi. L-Onorabbli Qorti straħet għal darba oħra fuq ix-xhieda ta' Kristian Ellul li din id-darba kienet anqas akkużattiva. Il-Qorti qagħdet fuq ix-xhieda li kien jara lil-esponent isuqha.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti jekk il-pussess waħdu huwa biżżejjed biex iwassal għall-akkuża ta' serq it-teorija tar-"recent possession" ma hemmx lok li tkun applikata aktar. Il-pussess wahdu, kemm jekk riċenti kemm jekk ma hux, allura huwa biżżejjed biex iwassal akkuża ta' serq biex tikkonfigura.

Illi fl-aħħar nett irid jinghad li l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset li kellha tkun severa ghaliex ir-reati addebitati huma gravi. Dan il-fatt ma ghandux jinnewtralizza ghal kollox il-fedina penali netta li ghandu l-esponent liema fatt ma jidhirx li ttiehed inkonsiderazzjoni meta kienet inflitta l-piena.

Ikkonsidrat

Il-Qorti semgħet ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Dan l-appell huwa limitat kif ġej:

a) għas-sejbien ta' ħtija ta' serq ta' żewġ vetturi li jidhru bin-numri 34 u 39 u cioe' tal-akkużi ta' serq tal-vetturi tal-vettura tal-Marka Chevrolet HBC u Skoda Favorit bin-numru DAR 279;

b) rigward il-piena.

L-appellant jissottometti li l-provi dwar is-serqiet ta’ dawn il-vetturi huma skarsi u li –Qorti tal-Maġistrati straħet fuq ix-xhieda mogħtija minn Kristian Ellul biss.

**L-Ewwel Aggravju : L-aggravju dwar is-serqa tal-Vettur Chevrolet Kalos.**

Għall-ħeffa tar-referenza qed tkun ripordotta din l-ewwel imputazzjon ta’ dan l-aggravju:

‘*u talli talli fit-12 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tat-8.00a,m.,, minn Triq il-Qaliet, ikkommetta serq ta’ vettura Chevrolet Kalos, numru tar-registrazzjoni HBC116, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa w għoxrin euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-detriment ta’ Pauline Anne Dale u/jew ta’ persuni ohra;’*

**Id-doctrine of recent possession fis-sentenzi tal-Qrati ta’ Malta**

Qabel tgħaddi għall-fatti l-Qorti ser teżamina l-punt li qajmet id-difiża dwar id-doctrine of recent possession għax dan kien punt li tqajjem mill-appellant fir-rikors promotorju.

Skont il-ġurisprudenza tagħha:[1]

‘’It-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) m’hi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvaati ċerti fatti dawn jsitgħu waħdehom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta’ serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta’ riċettazzjoni ta’ dawk l-oġġetti.’

Fl-istess sentenza l-Qorti kompliet tgħid hekk:

[1] Vol.LXXXII 1998 Part IV paġina 322 ‘Il-Pulizija versus Emanuel Seisun u Pius sive Pio Micallef 26 ta’ Awwissu 1998.

***‘There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The rule is, that where it is proved that premises have been entered and property stolen form therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary and the jury should be so directed. This applies to thefts other than in the course of a burglary, whether pickpocketing and an armed robbery.***

***In R vs Smyuthe, the Court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence: ‘If someone is found in possession of goods sonn after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishoneslty handling oods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into aprticualr prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods ar apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession; or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.’***

F’dan il-każ l-appellant ma kienx xehed. Il-prova tal-ħtija trid issir mill-Prosekuzzjoni. Iżda jista’ jkun hemm ċirkostanzi fejn l-imputat irid jagħti xi spjegazzjoni. Jekk ma jagħtix allura min jiġġudika jkun jista’ jagħmel il-konklużjonijiet tiegħu. Il-Qorti ser terġa’ tirreferi għal dan il-punt fl-aħħar tal-konsiderazzjonijiet tagħha.

Dwar il-fatti, il-Qorti l-ewwel ser tirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati a fol 13 u 14 tas-sentenza dwar din is-serqa u wara tgħaddi għall-konklużjonijiet tagħha. Fil-paġni msemmija jidhru dawn il-konsiderazzjonijiet:

'Illi kif jixhed Saviour Fiteni, wieħed mill-malviventi kien serq il-ġakketta tiegħu ta' kulur aħmar bl-iswed minn fuq il-post qabel ma telaq 'il barra. F'din l-ġakketta Fiteni kellu diversi cards, kemm tal-bank, kif ukoll business cards u identity card u kartiera kannella. Dina l-istess ġakketta instabet mill-pulizija xi jiem wara meta l-imputat ġie arrestat **gewwa vettura Chevrolet Kalos li nstabet kantuniera 'il bogħod mir-residenza tal-imputat u li kienet misruqa**. Dana ġie kkonfermat minn Fiteni stess kemm quddiem il-Pulizija investigattiva u meta ntwera l-ġakketta kif ukoll fil-Qorti. Inoltre sid l-imsemmija vettura ċertu William Hensher ikkonferma li l-ġakketta ma kinitx tiegħu u lanqas kienet tas-sieħba tiegħu li fuqha kienet irreġistrata l-vettura, Pauline Anne Dale.

Illi dina l-vettura Chevrolet kienet fil-pussess tal-imputat mix-xhieda ġuamentata mogħtija minn Kristian Ellul fl-atti tal-inkjesta maġisterjali dwar is-serqa mill-ħanut 'Tic Tic Confectionery.' Ellul jgħid:

'Dik il-karozza mhux jiena sraqtha. Dik serquha Michael u Nelson. Huma qaluli li sid il-karozza tiġi z-zija tagħhom u li kienu serqulha ċ-ċavetta. Meta serquha kellna kelba ġo fiha.'

Dina l-kelba jgħid li imbagħad telquha t-Triq tar-Ramla ġewwa Wied il-Għajn.

Dan huwa ikkonfermat minn provi indizzjarji oħra. Fir-rapport imħejji mill-espert seroloġista Dr.Marisa Cassar jirriżulta li l-kampjun elevat minn fuq il-flixkun tal-Coca Cola vojt elevat minn **dik** il-vettura jaqbel mal-profil ġenetiku tal-imputat. Dan jindika għalhekk li l-imputat kien qiegħed juża dina l-vettura. L-imputat ma joffri l-ebda spjegazzjoni kif dina l-ġakketta setgħet spiċċat fil-karozza li huwa kien qiegħed juża u li seraq peress illi kif diġa' ingħad huwa ma xehedx f'dawn il-proċeduri.'

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa ż-żewġ stqarrijiet li għamel Kristian Ellul quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u li hu kkonferma bil-ġurament wara li l-Maġistrat kienet tatu t-twissija skont il-Liġi u fissritlu li din ix-xhieda ser tintuża fil-Qorti. Kristian Ellul kien diġa' tressaq il-Qorti għar-rigward tas-serqa miċ-Chick King u l-kawża kienet ġiet deċiża u għaddiet in ġudikat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din il-Qorti setgħet tasal għal dik il-konklużjoni legalment u raġjonevolment.

Il-Qorti setgħet tagħżel li temmen jew ma temminx lil Kristian Ellul. Dak li kien qed jgħid ma kienx 'hearsay evidence' għaliex kien dak li qallu l-appellant (flimkien ma' persuna oħra) direttament. Il-Qorti rat lil dan ix-xhud quddiemha u kellha l-opportunita' kollha li tara kif kien qed iġib ruħu huwa u jikkonferma l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament.

L-artikolu 638 (2) tal-Kap 9 jiddisponi kif ġej:

''(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.'

Mela l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tistrieħ fuq din il-prova biss biex tiddeċiedi ssibx ħtija jew le.

Iżda minn qari akkurat tas-sentenza, jirriżulta li l-Qorti marret oltre. Il-Qorti abbinat dak li xehed Kristian Ellul ma' dak li kien stabbilit mis-seroloġista Dr.Marisa Cassar. Din kienet stabbiliiet li l-profil tad-DNA li nstab fuq flixkun vojt tal-Coca-Cola kien jaqbel perfettament ma' dak tal-appellant.

Ma' dan jirriżulta wkoll li l-karozza Chevrolet instabet kantuniera 'l bogħod mir-residenza tal-appellant.

L-appellant ma ta ebda spjegazzjoni ta’ dawn iċ-ċirkostanzi kfi kien mistenni li jagħmel skont is-silta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ikkowtata aktar ‘il fuq.

Tassew li karozza tista’ tkun misruqa u tħalliet wara biex xi persuna li ma kellha assolutament xejn x’taqsam ma’ xi serqa. Iżda f’dan il-kas issa għandna (i) persuna li tgħid x’qalilha l-appellant innifsu; (ii) evidenza forensika; (iii) il-karozza misruqa tkun tinsab kantuniera biss ‘il bogħod mir-residenza tal-appellant; u (iv) ebda spjegazzjoni min-naħa tal-appellant.

Għalhekk, wara li din il-Qorti kkonsidrat dawn l-erba’ elementi f’daqqa, ma qed issib ebda raġuni għala m’għandhiex taqbel mad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar li l-appellant huwa ħati ta’ din l-imputazzjoni wkoll.

**L-Ewwel Aggravju : It-Tieni imputazzjoni kkontestata (dik immarkata 39).**

Din l-imputazzjoni qed tkun riprodotta għall-ħeffa tar-referenza. L-imputazzjoni tgħid hekk:
*‘u aktar talli fl-20 ta’ Novembru, 2008, għall-ħabta ta’ 5.30a.m., minn Triq Hompesch, Fgura ikkommetta serq ta’ vettura Skoda Favorit, numru ta’ reġistrazzjoni DAR279, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u li sar għad-detriment ta’ Carmelo Galea u/jew ta’ persuni oħra;’*

Id-difiża tissottometti li l-provi huma skarsi u ssostni li l-Qorti straħet fuq l-istqarrija ta’ Kristian Ellul.

Ikkunsidrat

Il-Qorti eżaminat sew fol 20 u 21 tas-sentenza fejn jidher il-kliem li ġej:

‘Sid l-Iskoda Carmelo Galea isostni li fil-vettura kellu fost affarijiet oħra tlitt qasab tas-sajd kif ukoll flokk tas-suf tal-

kumpanija JF Security fejn kien impjegat. Illi l-qasab tas-sajd instabu fil-washroom tad-dar tar-residenza tal-imputat filwaqt illi kemm iċ-ċavetta tal-Iskoda kif ukoll il-flokk tal-JF Security instabu fil-fond adjaċenti.

Illi mill-provi ġie stabbilit illi waħda mill-balaklavi illi nstabu fuq il-persuna tal-imputat kienet propju l-komma nieqsa li kien hemm fil-fond adjaċenti, liema flokk kien jappartjeni lil Carmelo Galea li kien ħallieh fil-vettura tiegħu meta din nsterqet.'

Kien biss wara dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti rreferiet għax-xhieda ta' Kristian Ellul li

'ikkonferma li l-vettura Skoda Favorit tapparjenti lil persuna impjegata bħala security guard ġewwa Smart City. Kien jaf illi kien l-imputat li seraqha għax jgħid li qallu hu stess u li l-imputat kien ukoll jiġri kullimkien b'dina l-vettura.'

Il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, qed tirreferi għal dak li ntqal aktar 'il fuq dwar id-'doctrine of recent possession.'

Bħalma rrimarkat dwar l-imputazzjoni mmarkata bin-numru 34, din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din hija waħda li persuna setgħet tasal għaliha raġonevolment u legalment.

Il-Qorti setgħet tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Kristian Ellul. Iżda barra din l-istqarrija, il-Qorti tal-Maġistrati sabet indizji oħra. Fir-residenza tal-appellant instabu affarjiet li kienu fil-karozza misruqa. Barra dan nstab oġġett ieħor misruq minn ġo din il-karozza fid-dar adjaċenti għar-residenza tiegħu. Jirriżulta mid-depożizzjoni ta' Kristian Ellul li l-appellant kellu aċċess faċli għal dan il-fond adjaċenti tant li saħansitra darba fetaħ tieqa lill-istess Kristian Ellul biex jidħol għal ġol-fond imsemmi.

Il-Qorti għalhekk qed tikkonferma d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dwar dawn iż-żewġ imptuazzjonijiet u qed tiċħad l-aggravju dwarhom.

**It-Tieni Aggravju: Aggravju dwar Il-Piena.**

L-appellant jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati ħasset li kellha tkun severa għaliex ir-=reati addebitati huma gravi. Skont, l-appellant, dan m;għandux jinnewtralizza għal kollox il-fedina penali netta tiegħu.

L-ewwelnett il-fedina penali ta' llum turi li l-appellant baqa' sejjer b'kundanni oħra kif jidher mis-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2009u t-23 ta' Marzu, 2012.

It-tieni, ukoll kieku wieħed iqis li l-fedina penali kienet netta, xorta l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant huma serjissimi.

It-tielet, l-appellant instab ħati f'27 imputazzjoni mit-53 addebitati kontrih. Jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wiżnet ix-xhieda **skrupolożament u** fid-dettall qabel sabet ħtija jew illiberat. Għamlet eżerċizzju dettaljat u bil-għaqal minkejja l-massa enormi ta' xhieda li nstemgħu u n-numru enormi ta' dokumenti ppreżentati. Fejn ma sabitx ħtija għax kien hemm dubju, id-dubju mar favur l-appellant għax il-Qorti korrettement applikat il-massima 'in dubio pro reo.'. Tat ukoll ir-raġunijiet tagħha għala ma setgħetx tkun miti mal-appellant. Din hija sentenza tajba u responsabbli minn kull aspett.

Ir-raba' din il-Qorti wkoll għamlet eżerċizzju biex tara liema mill-imputazzjonijiet jistgħu jkunu assorbiti ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Hawn ser tagħti xi eżempji: L-imputazzjoni 4A fl-imputazzjoni 3A; l-imputazzjonijiet 11B, 13B u 14B fl-imputazzjoni 10B;u l-imputazzjoni 19C fl-18C.

Biss, il-Qorti mbagħad kellha tqis:

(a) diversi serqiet minn stabbilimenti: Tic Tic; Cerviola; Casey's Confectionery; u Chick King Take Away;

(b) diversi serqiet ta’ karozzi: Hyundai; Chevrolet; Skoda Favorit;

(ċ) Sewqan ta’ ħames karozzi mingħajr insurance jew liċenzja għas-sewqan. Hawn il-Qorti tal-Maġistrati għażlet li timponi priġunerija flok multi għaliex kieku dawn tant kienu jitilgħu (hawn tgħodd il-Liġi speċjali u mhux l-artikoli 17(f) tal-Kap 9)li kien ikun impossibbli għall-appellant iħallashom;

(d) Feriti ħfief fuq membru tal-Pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijietu.

(e) Barra dan kien hemm l-użu ta’ arma waqt it-twettiq ta’ serq.

Is-serq waħdu , bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap 9, jitla’ mill-anqas sa disa’ snin għaliex trid tittieħed l-aktar piena serja (fejn is-serq sar waqt li seħħet ferita ħafifa fuq persuna) u titla’ b’zewġ gradi. Fis-serqiet fl-istabbilimenti ntużaw l-armi, ukoll jekk dawn setgħu intużaw minn ħadd ieħor. Imma l-appellant kien hemm u nstab il-GSR fuqu. Dan ma kienx serq sempliċi, iżda serq bl-aggravji fejn lanqas biss jista’ jingħata l-minimum. Kif ma’ dawn jiżdiedu l-pieni għas-sewqan ta’ karozzi mingħajr insurance jew liċenzja tas-sewqan u tal-offiża ħafifa fuq membru tal-Pulizija, it-total ikompli tiela’.

Isegwi li l-piena ma kenitx waħda eċċessiva u għalhekk il-Qorti mhix tilqa’ dan l-aggravju.

**Konklużjoni.**

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-23 ta’ Settembru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------